**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Fisel Mofth Abusnina**

**Kumpilazzjoni numru 940/2015**

**Illum 5 ta' Frar, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Fisel Mofth Abusnina** detentur tan-numru tal-Pulizija 17267 billi huwa akkuzat talli nhar il-5 ta' Ottubru 2015 ghall-habta ta' 19:30 ta' filghaxija, minn gewwa residenza Mayfair, Flat numru 3, fi Triq il-Mazzola f'San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' flus kontanti u gojjelli ghad-dannu ta' John u Dolres Spiteri, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u bil-lok bi ksur tal-Artikoli 263(a), 267, 279(b) u 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tikkonsidra lil Fisel Mofth Abusnina bhala recediv b'sentenzi li huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-prosekuzzjoni u d-difiza.

**Ikkunsidart:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Jannar, 2016 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet lid-derubat Joe Spiteri fejn spjega lill-Qorti dwar il-valur tal-oggetti misruqa.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza li l-

aktar piena idoneja fic-cirkostanzi tkun piena karcerarja ta' sentejn (2) prigunerija.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 263(a), 267, 279(b), 269 (g), u 289 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija.

Tenut kont tat-danni kagunati fil-konfront tal-*parte civile* Joe Spiteri u Dolores Spiteri, il-Qorti ser tghaddi biex tillikwida arbitrio boni viri d-danni favur il-parte civile konjugi Spiteri fl-ammont erbat elef Ewro (€4,000), liema ammont irid jithallas fi zmien sena minn meta l-hati jiskonta s-sentenza ta' prigunerija.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**